# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 387/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Vs**

**Blasio Buttigieg**
**(K.I. 0011969G)**

**Illum, 2 ta' Settembru, 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Blasio Buttigieg** ta' 50 sena, iben Joseph u Margaret xebba Sultana, imwieled ir-Rabat, Għawdex, nhar it-22 ta' April 1969, u residenti fi 2, Block 4, Triq tal-Fieres, Kirkop, detentur tal-Karta ta' l-Identità numru **0011969G** fejn huwa ġie akkużat:

> Talli nhar id-dsatax (19) ta' Frar 2019, għall-ħabta tas-sitta nieqes kwart ta' filgħaxija (17:45hrs) ġewwa l-impjant tal-Asphalta, Triq Ħal-Far, Birżebbugia u/jew fi bandi oħra fil-Gżejjer Maltin:

1. Bil-ħsieb li jikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Godfrey Grech, ta bidu b'atti esterni, għall-eżekuzzjoni tad-delitt,

liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex toħroġ ordni ta' protezzjoni a favur ta' Godfrey Grech u l-familja tiegħu ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll titratta ma' Blasio Buttigieg bħala persuna reċidiva ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. B'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat illi nhar il-11 ta' Marzu 2020, l-Avukat Ġenerali bgħat l-Atti lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex Blasio Buttigieg jiġi ġġudikat minnha u li fid-19 ta' Ġunju 2020, l-istess Blasio Buttigieg ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi ttrattat u deċiż bi proċedura sommarja;

Rat il-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2021, il-prosekuzzjoni u d-difiża eżentaw lil dina l-Qorti kif presjeduta milli terġa tisma' x-xhieda u milli terġa tara d-dokumenti kollha ppreżentati sa dakinhar.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Rat ix-xhieda mogħtija;

Smegħet it-trattazzjoni tal-kawża;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti tal-każ jirrigwardjaw allegat inċident li seħħ nhar id-19 ta' Frar 2019 ġewwa l-fabbrika tal-Asfaltar, f'Ħal-Far bejn l-akkużat Blasio Buttigieg u l-parte civile Godfrey Grech. Il-verżjoni promossa mill-prosekuzzjoni hi li dakinhar tal-inċident waqt li Godfrey Grech kien miexi fil-bitħa tal-kumpless Asfaltar sejjer lejn il-*punch room* l-akkużat daħal fil-kumpless bil-vettura tiegħu u x'ħin ra l-parte civile miexi saq għal fuqu b'veloċità qawwija, tant li Grech kellu jġenneb biex ma jintlaqatx. Ftit mumenti wara, waqt li Grech kien ħiereġ mill-kumpless bil-vann tiegħu, hu ra lill-akkużat jaqsam minn quddiemu b'daħqa fuq wiċċu u niżel biex jistaqsiħ għalfejn kien għamillu hekk. Jidher li f'dak il-mument kien hemm alterkazzjoni bejniethom u l-akkużat baqa' dieħel ġo apertura tal-ħġieġ u sofra xi ġrieħi f'wiċċu.

Il-prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda f'din il-kawża, fosthom il-parte civile stess Godfrey Grech[1]; Ian Magro[2] - direttur tas-soċjetà Asfaltar Ltd; Raymond Farrugia[3] - il-persuna li kienet fil-vettura mal-akkużat; Milutin Knezevic[4] - persuna li kienet qed taħdem bħala *security* fil-kumpless fil-ħin tal-inċident; u diversi uffiċjali tal-pulizija: PC 224 Jake Mercieca[5], WPS 219 Erica Galea[6], PC 695 Brian Seychell[7], PC848 Gerard Vella[8] u PC164 Mark Abdilla[9].

Ikkonsidrat;

Illi hemm numru ta' fatti li huma paċifiċi bejn il-partijiet, fosthom li kemm l-akkużat kif ukoll li-parte civile jaħdmu mad-ditta Asfaltar Ltd u dakinhar it-tnejn li huma kienu xogħol fil-ħin tal-inċident. L-akkużat ħareġ bil-vettura tiegħu mill-impjant biex jixtri xi affarijiet u kien qed jirritorna lura l-kumpless tal-Asfaltar Ltd. Flimkien miegħu kien hemm ċerta Raymond Farrugia. L-akkużat kien qed isuq il-vettura u hu u dieħel lura fl-impjant, huwa aċċellera

---

[1] A fol. 24 tal-atti proċesswali;
[2] A fol. 37 tal-atti proċesswali
[3] A fol. 54 tal-atti proċesswali
[4] A fol. 62 tal-atti proċesswali
[5] A fol. 71 tal-atti proċesswali
[6] A fol. 76 tal-atti proċesswali
[7] A fol. 85 tal-atti proċesswali
[8] A fol. 92 tal-atti proċesswali
[9] A fol. 112 tal-atti proċesswali

l-veloċità tal-vettura li kien qed isuq. Il-parte civile kien fiżikament jinsab f'dik il-parti tal-impjant minn fejn l-akkużat għadda bil-vettura. Huwa paċifiku wkoll li kien hemm alterkazzjoni bejn l-akkużat u l-parte ċivile wara dan l-inċident b'riżultat li l-akkużat sofra xi ġrieħi f'wiċċu.

Illi bħalma mistenni, l-mumenti u d-dettalji l-aktar essenzjali sabiex dina l-Qorti tistabbilixxi jekk hemmx reità *o meno* fil-każ *de quo* huma konfliġġenti u saħansitra, f'ċerta istanti, dijametrikament opposti.

Ikkonsidrat;

Il-verżjoni mogħtija mill-parte civile Godfrey Grech hi, *in essentia*, li hu kien miexi fil-bitħa tal-post tax-xogħol, bejn il-*low* loader u l-miżien, biex imur lura lejn il-vann tiegħu. F'dak il-ħin l-akkużat kien dieħel bil-vettura tiegħu u flimkien miegħu kien hemm Raymond Farrugia. Hekk kif lemħu, l-akkużat għafas il-gass u saq għal fuqu. Qal li kellu jġenneb sabiex ma jintlaqatx u dan minkejja li minn fejn kien miexi kien hemm wisa' ta' karozza u nofs u li allura l-akkużat kellu minn fejn jgħaddi. Jgħid li eżatt wara dan l-inċident, hu lemaħ lill-akkużat u lil Raymond Farrugia jidħqu.

Qal li x'ħin rikeb fil-vann tiegħu biex isuq lejn ix-xatba, l-akkużat qasam minn quddiemu, qisu b'daħqa fuq wiċċu, u baqa' sejjer fil-kamra tiegħu. Xehed li dak il-ħin, il-parte ċivile niżel mill-vann u staqsieħ għalfejn kien għamillu hekk. Għal dan, l-akkużat wieġbu li m'għamillu xejn. Jispjega l-parte civile li: *"Jipprovokani. Imbagħad daqshekk ma bqajtx nara. Ġiet dalma quddiem għajnejja, tlaqt niġri għax hu għandu ċint, qbiżt iċ-ċint, tfixkilt, qbadtu miegħi għax peress li jien fini tifel, tfixkilt u baqa' dieħel ġo bieb tal-ħġieġ hu. Imma x'ħin qomt tajtu daqqa ta' ponn. Waħda fajjartlu."* Il-parte civile jgħid ukoll li l-akkużat kien ilu mqabbad miegħu u li kien hemm inċidenti oħrajn fil-passat. Qal li hu għamel diversi rapporti mad-direttur tal-impjant Ian Magro dwar dan.

Illi l-akkużat eżerċita d-dritt tiegħu li ma jixhidx iżda fl-istqarrija rilaxxata minnu fl-20 ta' Ġunju 2019 hu jgħid li huwa u jsuq lura minn Birżebbugia lejn l-impjant, flimkien ma' Raymond Farrugia, ra daħna tielgħa mill-impjant

u saq jgħaġġel biex flimkien jaraw x'kienet il-kawża ta' din id-daħna. Daħlu fil-kumpless u saqu 'l isfel biex imorru ħdejn in-nar. Jgħid li hu u dieħel ra lil Godfrey Grech tielgħa iżda hu baqa' nieżel fejn kien hemm in-nar. Jgħid li wara ftit, waqt li kien qiegħed idaħħal ix-xirja fil-kamra tiegħu ta' *watchman,* ġie Godrey Grech minn warajħ u sabbatlu wiċċu ġol-ħġieġa tal-kamra. Bl-ewwel daqqa faqa' l-ħġieġa b'rasu u t-tieni darba reġa sabbatlu rasu ġol-ħġieġa miksura. Jinnega li hu saq għal fuq il-parte civile jew li pprovokaħ.

Ikkonsidrat;

Illi l-punt kruċjali li din il-Qorti trid tiddetermina, fid-dawl tal-akkużi miġjuba kontra l-akkużat, huwa jekk l-akkużat, hu u jsuq fl-impjant, saqx għal fuq il-parte civile jew le. Raymond Farrugia, fix-xhieda tiegħu, jikkonferma li hu kien fil-vettura ma' l-akkużat u li t-tnejn raw daħna tielgħa mill-impjant. Jikkonferma li l-akkużat żied l-ispeed fl-impjant. Dwar dan l-inċident, madanakollu, jgħid:

| | |
|---|---|
| ***Dr V Bugeja**:* | *Int f'xi mument rajtu lil Godfrey?* |
| ***Xhud**:* | *La aħna u neżlin u anqas aħna u tielgħin ma rajtu.* |
| ***Dr V Bugeja**:* | *Intom u deħlin ġol-plant ma rajtux lil Godfrey?* |
| ***Xhud**:* | *Ma rajtux la nieżlin u l-anqas tielgħin.* |
| ***Dr V Bugeja**:* | *Jekk ngħidlek li Blasio li kien qiegħed isuq, kif daħal ġol-plant kien hemm Godfrey u saq għal fuqu xi tgħid?* |
| ***Xhud**:* | *Li saq naqra iva. Imma jien naħlef li lil Godfrey ma rajtux.* |

Fix-xhieda tiegħu Godfrey Grech jgħid li wara l-inċident, hu ra kemm lill-akkużat kif ukoll lill-Raymond Farrugia jidħaq. Dan effettivament ifisser li

Raymond Farrugia, skont il-verżjoni tal-parte civile, mhux talli kellu jiftakar li l-parte civile hemm talli kien ukoll parteċipi mal-akkużat peress li wara kien qiegħed jidħaq miegħu. Mix-xiehda ta' Farrugia, madanakollu, xejn minn dan ma jirriżulta. Anzi, jirriżulta l-kuntrarju. Jirriżulta li hu ma raħx f'dak il-mument. Il-Qorti tqis li inċident bħal dak *de quo*, ċioe' li persuna ssuq għal fuq persuna oħra hija avventiment kemmxejn memorabbli – aktar u aktar jekk wara l-inċident il-persuni joqgħodu jiddieħqu flimkien. M'hemm xejn x'jeskludi li l-parte ċivile seta' nterpreta din iċ-ċirkostanza bħala affront kontriħ, però dan ma jfissirx li l-akkużat issodisfa l-elementi tar-reati addebidati kontriħ.

Illi dwar ir-retroxena tal-inċident *de quo*, ċioè li kien ilu jipprovokaħ għal perjodu konsiderevoli ta' żmien, il-parte ċivile jgħid:

***"Dr A Stellini:*** *Semmejtilna li kien imqabbad miegħek. Ġieli għamilt xi rapport mal-owner tal-impjant?*

***Xhud****:* *Iva u għidtlu kemm-il darba.*

***Dr A Stellini****:* *Lil min għedt? X'għedtlu?*

***Xhud****:* *Lil Ian Magro*

***Dr A Stellini****:* *X'għedtlu?*

***Xhud****:* *Għedtlu, "Ħu ħsieb għax dan se jgħallini fl-aħħar. Il-ħin kollu jaqbad miegħi!"*

Mistoqsi dwar dawn ir-rapporti, madanakollu, id-direttur tas-soċjetà Asfaltar Ltd, Ian Magro, jgħid testwalment hekk:

***"Dr V Bugeja****:* *Ilmenti maż-żmien fuq Godrey jew fuq Blasio kellek?*

***Xhud****:* *Fuq Blasio l-aktar li kelli.*

***Dr V. Bugeja****:* *Minn min?*

***Xhud***: *Minn ħaddiema oħra.*

***Dr V Bugeja***: *Minn Godfrey kellek? Taf li lmenta miegħek li kien imqabbad miegħu? Qatt qallek?*

***Xhud***: *Le.*"

Minn dan il-bran jirriżulta li kuntrarjament għal dak li xehed il-parte civile, huwa qatt ma għamel rapport mad-diriġenti tax-xogħol tiegħu kontra l-akkużat jew li, tal-inqas, kellem lill-imgħallem dwar dawn il-provokazzjonijiet.

Ikkonsidrat;

Illi 'l-bqija tax-xhieda mogħtja minn Raymond Farrugia u dik mogħtija minn Milutin Knezevic hija kkonċentrata fuq dak li seħħ fil-kamra tal-*watchman,* wara l-inċident, għal-liema ċirkostanzi, madanakollu, l-akkużat m'huwiex qiegħed jintalab iwieġeb.

Illi x-xhieda mogħtija minn PC 224 Jake Mercieca, WPS 219 Erica Galea, PC 695 Brian Seychell, PC848 Gerard Vella u PC164 Mark Abdilla hija spjegattiva ta' x'ġara wara l-inċident u kif tmexxiet l-investigazzjoni iżda ma jżidu xejn ma x'ġara fil-mument tal-inċident.

B'hekk, l-unika xhieda li tikkorrobora verżjoni, jew oħra, ta' dak li seħħ fil-każ *de quo* hija dik ta' Raymond Farrugia, liema xhieda tindika li l-akkużat ma saqx għal fuq il-parte ċivile, minkejja li seta' għadda minn ħdejħ bi speed qawwi. B'hekk il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-każ tagħha lilhinn minn kull dubju dettat mir-raġuni u konsegwentement m'hijiex qed issib ħtija fl-akkużat.

**Deċide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, u għar-raġunijiet kollha sopra esposti, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 214, 215, 216, 383, 384, 385, 386, 387, 412Ċ u 533tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil Blasio

Buttigieg **mhux ħati** ta' l-akkużi dedotti kontra tiegħu u qed tilliberaħ minn kull ħtija u piena dwarhom.

**Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**